Parir għall-pazjenti fuq il-mediċina Vioxx

Wara li l-kumpanija Merck & Co., Inc. ħabbret li ser twaqqaf il-bejgħ tal-prodott mediċinali tagħhom Vioxx (rofecoxib) mad-dinja kollha, l-Awtorità Dwar il-Mediċini ħadet hsieb li tikkollabora ma' l-aġent lokali A.M. Mangion Ltd. biex jittieħdu l-passi neċċessarji kollha. L-Awtorità Dwar il-Mediċini ħarġet dokument b'mistoqsijiet u t-tweġibiet dwar Vioxx fuq il-website ta' l-Awtorità Dwar il-Mediċini www.health.gov.mt/mru

Minnufih A.M. Mangion Ltd. bdiet tieħu l-passi necessarji kollha. Huma infurmaw lit-tobba kollha dwar it-twaqqif ta' Vioxx permess tan-network lokali għall-professjonisti tal-mediċina The Synapse (www.thesynapse.net) kif ukoll permess ta' email li ntbagħtet minn The Synapse. A.M. Mangion ser tibgħat ittra lit-tobba u lill-ispiżjara kollha f'Malta. A.M. Mangion ukoll ħadet passi biex jibdew jinġabru l-prodott kollha ta' Vioxx mill-ispiżeriji kollha lokali.

L-Awtorità Dwar il-Mediċini tagħti parir lil dawk il-pazjenti li qedin jiġu ttrattati bil-prodott Vioxx biex jikkuntatjaw it-tabib tagħhom biex ibidlilhom il-kura tagħhom ma' l-ewwel ċans li jkollhom.